# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 11 ta' Frar 2019

**Rikors Numru : 258/2018 JPG**

**Kawza Numru : 27**

**SE**

**Vs**

**I. CE U b'digriet tal-10 ta' Jannar, 2019 il-kunjom ghandu jaqra B.**
**II. l-Avukat Yanika Bugeja u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw il-minuri TE**
**III. Direttur tar-Registru Pubbliku ghal kull interess illi jista jkollu**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' SE, datat 8 ta' Ottubru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1) *Illi r-rikorrent gie awtorizzat illi jipprocedi bil-kawza odjerna biex jipprocedi b'kawza biex jichad it-tifel, TE, permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli qorti tal-20 ta' Awwissu 2018 (anness u mmarkat* ***DOK A****);*

2) *Illi gew nominati bhala deputati kuraturi l-Avukat Yanika Bugeja u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno sabiex jirraprezentaw lill-minuri TE u dan permezz ta' digrieti tal-15 ta' Settembru 2018 u b'nota tar-Registratur tal-*

*Qorti (hawn anness bhala* ***DOK B*** *u* ***DOK C****);*

3) *Illi r-rikorrenti izzewweg lill-intimata, CE, fit-30 ta' Lulju 2004 (certifikat anness u mmarkat* ***DOK D****);*

4) *Illi fis-16 ta' April 2018, u allura matul il-konvivenza tar-rikorrent u l-intimata CE, twieled TE (certifikat anness u mmarkat* ***DOK E****);*

5) *Illi minkejja illi r-rikorrent huwa registrat bhala l-missier tat-tifel minuri TE fl-anness certifikat DOK E, l-partijiet jafu li r-rikorrent mhuwiex fil-fatt missier l-imsemmi wild u dan gie ukoll ppruvat matul il-proceduri quddiem il-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Nutarili, kawza numru 20/18 (anness u mmarkat* ***DOK F****), fatt accettat mill-intimata;*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorto joghgobha okkorrendo wara li tordna l-allegazzjoni tal-proceduri tal-rikors numru 20/18, citat fil-paragrafu precedenti, u previa okkorrendo wara li jsiru dawk it-testijiet xjentifici u genetici illi jigu ordnati minn dina l-Onorabbli Qorti;*

1) *Tiddeciedi u tiddikjara illi r-rikorrent, SE, m'huwiex il-missier naturali ta' TE u dana ghar-ragunijiet fuq imsemmija, u konsegwentement;*

2) *Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku minn fuq l-att tat-twelid ta' TE, liema att ghandu n-numru X, kull referenza ghar-rikorrent, SE, senjatament izda mhux biss ismu, kunjomu, il-post tat-twelid tieghu, il-post tar-residenza tieghu, isem u kunjom missier tar-rikorrent huwiex haj jew mejjet, l-eta' tar-rikorrent u kwalsiasi taghrif iehor relattiv ghar-rikorrent u li jidher mill-att tat-twelid citat, u dan previa kull dikjarazzjoni jew provvediment iehor li lilha jidhrilha xierqa u opportuni;*

*Bl-ispejjez komprizi ukoll dawk tar-rikors ghall-awtorizzazjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata, ta' Dr Yanika Bugeja u PL Luisa Tufigno bhala kuraturi deputati nominati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri TE, datata 1 ta' Novembru 2018, a fol 25 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament l-esponenti jirrelevaw li huma ma humiex edotti mill-fatti.*

2. *Illi zgur mhux fl-interess tal-minuri TE c-certifikat tat-twelid tieghu ikun jaqra li huwa iben ta' missier li mhux maghruf, l-kuraturi esponenti jitlobu lill—ko konvenuta tiddikjara min hu l-missier naturali tal-minuri ghaliex bl-ebda mod m'ghandu jbati pregudizzju minuri minhabba agir tal-genitur tieghu.*

3. *Illi inoltre, l-esponenti umilment jissottomettu li huma m'ghandhomx ibatu l-ispejjez ta' dawn il-proceduri, imma se mai f'kaz li tali kawza tkun deciza kontra l-konvenuti, l-ispejjez ghandhom jithallsu kollha mill-konvenuta CE.*

4. *Illi l-esponenti jirrelevaw li sitwazzjonijiet bhal dawn huma komuni llum-il gurnata izda l-persuna li hija responsabbli ghal dan l-agir ghandha tkun sensittiva lejn dak li huwa fl-ahjar interess tal-minuri binha u m'ghandhiex tistenna dan iz-zmien kollu biex tinizzja procedura bhal din, anke meta wiehed jikkonsidra li l-minuri irid jibda hajtu b'kunjom gdid meta diga' ghandu 13-il sena.*

5. *Illi l-esponenti jirriservaw li jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun hemm il-htiega.*

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, datata 5 ta' Novembru 2018, a fol 27 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi l-esponent jiddikjara li hu mhuwiex edott mill-fatti li ġew indikati fir-rikors ġuramentat;*

2. *Illi bla ħsara għas-suespost, l-esponent qed jassumi illi din il-kawża ġiet intavolata ai termini tal-Artikolu 73 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta stante li l-kawża istanti si tratta proprju denegata paternita';*

3. *Illi stante l-premess, l-attur jeħtieġlu primarjament jipprova u jissodisfa minn talanqas waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-Artikolu 70 sub-inċiż 1 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

4. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha kkonċernati sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi hekk kif inhu provdut fl-Artikolu 70A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u f'tali ċirkostanza, l-esponent stante li ma għandux x'jaqsam mal-mertu tal-kawża istanti huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji;*

5. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi l-minuri TE a tenur tal-Artikolu 92 sub-inċiż 6 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

6. *Illi subordinatament u dejjem bla ħsara għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur, l-esponent jirrileva li huwa importanti li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem SE, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm, għandhom flimkien mal-konnotati tal-attur jiġu kkanċellati mill-Atti tat-Twelid tal-minuri TE;*

7. *Illi finalment, l-esponent dejjem mingħajr preġudizzju għas-surriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni odjerna mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u għaldaqstant huwa ma għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

8. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed minn issa inġunt in subizzjoni.*

Rat in-nota tal-konvneuta CE, datata 14 ta' Novembru 2018, vide fol 32 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi permezz taghha hija qeghda ghab bazi tal-artikolu 158(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta tammetti u taccetta t-talbiet tal-attur SE salv ghal-ispejjez;*

2. *Illi b'referenza ghall-ewwel talba, hija taqbel li l-attur SE ma huwiex il-missier naturali tal-minuri TE u dana kif annke certifikat minn testijiet xjentifici li ssotomettew lilhom nnifshom il-partijiet (ara testijiet tad-DNA hawn annessi u mmarkati bhala Dok CE1);*

3. *Illi b'referenza ghat-tieni talba, hija taqbel li ghandu jithassar kull referenza ghar-rikorrenti SE u li l-minuri ghandu mil-lum il-quddiem jibda jissejah bhala "TB". Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt datat 9 ta' Novembru, 2018 in atti Dottor Brenda Jane Camilleri, f'liema kuntratt il-konvenuta rrevertiet ghall-kunjom xbubitha u cioe' B;*

4. *Illi l-esponenti taqbel mat-talbiet salv li ma ghandhix isofri l-ispejjez tal-proceduri istanti u ssostna li dawn ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.*

5. *Salv eccezzjonijiet ohra.*

Rat illi CE kienet irrevertiet ghall-kunjom xbubitha skont il-kuntratt ta' separazzjoni datat 9 ta' Novembru 2018 in atti tan-Nutar Dr Brenda Jane Camilleri. (Vide fol 45 u 48 et seqq.)

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Jannar 2019, fejn laqghet it-talba tal-korrezzjoni tal-kunjom ta CE u cioe' li jigi jaqra CB. (Vide fol 45);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija kawza ta' denegata paternita, permezz ta' liema r-rikorrent qieghed jitlob li jigi dikjarat li m'huwiex il-missier naturali ta' TE, li twieled waqt li r-rikorrent u l-intimata CE kienu ghadhom mizzewgin, u li ghalhekk gie rregistrat b'applikazzjoni tal-ligi bhala iben ir-rikorrent.

Il-Kodici Civili, permezz tal-Artikolu 67, johloq presunzjoni legali illi tarbija koncepita matul iz-zwieg hija l-wild naturali tal-konjugi tal-mara li weldet it-tarbija. Illi pero, din il-presunzjoni hija biss *juris tantum* u dan kif ikkonfermat fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Diane Lia proprio et nomine vs Mohamed Melikechi u Direttur Registru Pubbliku, per Onor. Imhallef Dr.Philip Sciberras:**

> ***"Jinsab pacifikament stabbilit illi "din il-presunzjoni m'hijiex assoluta, imma biss 'juris tantum' u ssir 'juris et de jure' meta l-istat ta' tifel legittimu jirrizulta mhux biss mill-att tattwelid, imma wkoll bil-pussess ta' stat konformi ghal dak l-att," (Vol. XXXVII P II pg 768); Fi kliem iehor, "il principio 'pater is est quem iustae nuptiae demonstrant' e` applicabile in senso assoluto al solo caso in cui la filiazione fosse provata coll`atto di nascita` e con un possesso di stato conforme allo stesso;…"***
> ***(Vide VOL XXIII P II pg 128)***

Sabiex tirnexxi kawza ta' denegita paternita ai termini tal-Artikolu 70 hemm bzonn li jigu sodisfatti tlett rekwiziti:

1. Illi l-kawza intavolata mir-ragel issir kontra martu u kontra l-wild jew kuratur appuntat nominat sabiex jirraprezenta l-interessi tal-wild;

2. Illi l-kawza issir entro t-terminu stabbilit fl-Artikolu 73 (c), u **cioe fi zmien sitt xhur mit-twelid tat-tarbija** jekk il-konjugu kien jinstab Malta, jew minn dakinhar li l-konjugu jirritorna lura Malta, **jew minn dakinhar li jinkixef l-qerq** jekk it-twelid ikun **gie mohbi** mill-konjugi. Fin-nuqqas, huwa wkoll possibli li tigi istwita din il-kawza jekk ir-rikorrent jottjeni awtorizazzjoni mill-Qorti, skont l-ewwel proviso ta' dan l-artikolu; u

3. Li ssir prova skont kif stabbilit fl-Artikolu 70 (1) li tindika li r-rikorrent m'huwiex il-missier naturali ta' dak il-wild.

Il-Qorti rat illi din il-kawza giet istwita mir-rikorrent kontra martu CB (minn ma' min issepara fil-mori tal-kawza), u kontra kuraturi deputati nominati sabiex jirraprezentaw lil minuri TE, u ghalhekk l-ewwel rekwizit jinsab sodisfatt.

Il-Qorti rat ukoll illi l-minuri twieled fis-16 t'April 2018, u din l-azzjoni giet prezentata fit-8 t'Ottubru 2018, u ghalhekk entro t-terminu ta' sitt xhur stipulat mill-ligi. Il-Qorti taghraf illi r-rikorrent kien ukoll prezenta rikors sabiex jigi awtorizzat biex jipprocedi b'din il-kawza ai termini tal-ewwel proviso tal-Artikolu 73, kif filfatt gie awtorizzat, u dan minkejja l-fatt illi ma kienx hemm bzonn li tintalab tali awtorizazzjoni peress illi kienu ghadhom m'ghaddewx sitt xhur mit-twelid tal-imsemmi TE, u ghalhekk l-ispejjez ta' dak ir-rikors ghandhom jithallsu mir-rikorrent. Illi fi kwalunwke kaz, dan ir-rekwizit huwa palezament sodisfatt.

Il-Qorti taghraf illi skont l-artikolu 70 (1) (d) u (e) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

> "***Kull konjuġi, ħlief konjuġi li jkun wiled lill-wild, jista' jagħmel rikors sabiex jiċħad li hu l-ġenitur ta' wild imwieled matul iż-żwieġ –***
>
> **[*omissis*]**
>
> ***(d) Jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi l-konjuġi li wiled kien għamel adulterju jew kien ħeba t-tqala u t-twelid tal-wild; jew***
>
> ***(e) Jekk jipprova xi fatt ieħor, li jista' wkoll jirriżulta minn testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu li l-konjuġi huwa l-ġenitur.***"

Il-Qorti rat illi l-partijiet kienu ddikjaraw bil-gurament quddiem il-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Notarili, fis-17 ta' Lulju 2018 illi l-ahhar darba li kellhom relazzjoni ntimata kien xahar qabel ma' harget tqila, u li l-minuri T twieled minn relazzjoni li l-intimata CB kellha ma' SC. Il-Qorti rat illi fl-istess gurnata, u quddiem l-istess Qorti, SC kien iddikjara bil-gurament illi huwa kien ilu f'relazzjoni ma' CB ghal dawk l-ahhar sena u nofs, u rrikonoxxa li huwa l-missier biologiku

tal-minuri T li twieled fis-16 t'April 2018.[1]

Il-Qorti rat ukoll l-affidavit ta' Dr. Marisa Cassar, u r-rapport anness mieghu li jindika li t-testijiet genetici li saru fuq il-minuri u r-rikorrent juru li r-rikorrent m'huwiex il-missier biologiku tal-minuri T.[2]

Il-Qorti hija ghalhekk sodisfatta mill-provi mressqa, li r-rikorrent m'huwiex il-missier bijologiku tal-minuri T, u li r-rekwizti kollha necessarja sabiex tkun tista' tigi promossa din l-azzjoni huma sodisfatti. Ghalhekk il-Qorti tqis illi li t-talbiet tieghu sabiex jigi dikjarat gudizzjarment li huwa mhux il-missier naturali tal-minuri huma fondati kemm fid-dritt u kif ukoll fil-fatt u ghaldaqstant jisthoqqu li jigu milqugha.

Fir-rigward tal-eccezzjoni numru 4 tal-kuraturi deputati nominati sabiex jirraprezentaw lil minuri, il-Qorti tiddikjara li hija kemmxejn perplessa dwar din l-eccezzjoni. Skont il-kuraturi deputati, **il-minuri ghandu tlettax -il sena**, u ghalhekk wiehed irid ikun sensittiv ghall-impatt illi bidla f'kunjomu jista' jkollha fuq il-minuri. Il-Qorti naturalment taqbel ma' dan is-sentiment ghaliex huwa oggettivament korrett, u fil-fatt taghraf illi l-Legislatur ha hsieb illi jaghti lil Qorti d-diskrezzjoni necessarja sabiex tiddeciedi hi, dwar jekk il-bidla fil-kunjom tkunx fl-ahjar interess tal-minuri, ghaliex fis-sistema legali taghna l-ahjar interess tal-minuri huwa suprem. Illi f'dan il-kaz pero, **il-minuri li qed jirraprezentaw il-kuraturi deputati f'din il-kawza kien ghadu tarbija ta' sitt xhur u nofs meta l-kuraturi deputati ipprezentaw ir-risposta taghhom u mhux guvnott ta' tlettax -il sena kif jecepixxu huma.** Illi fid-dawl tal-fatt illi l-minuri ghadu tarbija ta' anqas minn sena, il-Qorti tqis illi bdil fil-kunjom tieghu ma jkunx detrimentali ghalih, u ghalhekk ghandu jigi permess.

Fir-rigward tat-tieni eccezzjoni tal-kuraturi deputati, il-Qorti taghraf illi l-intimata CB diga iddikjarat bil-gurament quddiem il-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Notarili illi l-missier biologiku tal-minuri huwa **SC**, **u l-istess SC ukoll iddikjara bil-gurament illi huwa l-missieru biologiku tal-minuri u li huwa lest li jirrikonixxi lill-minuri bhala ibnu.**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u:**

1. **Tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikorrent, SE, m'huwiex il-missier naturali ta' TE u**

[1] Fol 20.
[2] Fol 37 – 43.

**konsegwentement;**

2. **Tiddikjara illi kunjom il-minuri T ghandhu jkun kunjom ommu, u cioe B, minflok E, u tordna konsegwentement lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega;**

3. **Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ihassar minn fuq l-att tat-twelid ta' TE, liema att ghandu n-numru X, kull referenza ghar-rikorrent, SE, senjatament izda mhux biss ismu, kunjomu, il-post tat-twelid tieghu, il-post tar-residenza tieghu, isem u kunjom missier tar-rikorrent huwiex haj jew mejjet, l-eta' tar-rikorrent u kwalsiasi taghrif iehor relattiv ghar-rikorrent u li jidher mill-att tat-twelid citat, filwaqt li wara isem SE fis-sitt kolonna tal-att ta' twelid ta' TE, jitnehhew il-kliem "the said".**

**L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-intimata CB, b'dan illi l-ispejjez ghar-rikors ghall-awtorizazzjoni tas-18 t'Awissu 2018 ghandhom jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**